



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Mejju 2024
(OR. en)

10123/24
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0113(NLE)

AELE 46
N 33
ISL 22
FL 26
MI 518
EMPL 214
SOC 378

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Mejju 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 205 final - Annex
Suġġett:	ANNESS ta' Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Eurofound)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 205 final - Annex.

Mehmuż: COM(2024) 205 final - Annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.5.2024
COM(2024) 205 final

ANNEX

ANNESS

ta'

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat
Konġunt taż-ŻEE rigward emenda tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-
kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

(Eurofound)

ANNESS

ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru [...]

ta' [...]

li jemenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE tiġi estiża biex tinkludi r-Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75¹.
- (2) Il-modalitajiet tal-parteciġazzjoni tal-Istati tal-EFTA fil-Eurofound huma stabbiliti fil-"Ftehim Qafas dwar il-modalitajiet għall-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol/kooperazzjoni tal-EFTA", bid-data tat-12 ta' Settembru 1994.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 2019/127 iħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75, li huwa inkluż fil-Ftehim dwar iż-ŻEE u li konsegwentement għandu jitħassar skont il-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li l-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat biex tkun tista' ssir din il-kooperazzjoni estiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-punt 10 tal-Artikolu 5 tal-Protokoll 31 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Kontraenti għandhom ifittxu li jsaħħu l-kooperazzjoni fil-qafas tal-att li ġej:

- **32019 R 0127:** Ir-Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 (ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74)."

¹ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar [sena].

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

[...]

Is-Segretarji

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

[...]

* [Ma huma indikati ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]